MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 109/2015

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Sammut Patrick**
**ID 271460M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta’ Frar, 2015 billi s-socjeta’ attrici talbet illi l-konvenut ghandu jghati lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba` mija tlieta u tmenin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€483.61) bhala bilanc rimanenti minn somma akbar in konnesjsoni ma’ ftehim ghal hlasijiet ratejali datat 3 ta’ Gunju, 2014 (AC40196146).

Illi `nterpellat sabiex jghaddi ghal hlas, l-intimat baqa` inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-intimat li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet sa mit-3 ta’ Gunju, 2013, data tal-fuq imsemmi ftehim, u dan ai termini tal-klawsola 3 tal-istess kuntratt.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-23 ta' Gunju, 2015 u qas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-23 ta' Gunju, 2015 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta’ erba` mija tlieta u tmenin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€483.61) bl-imghax legali sa mit-3 ta’ Gunju, 2013, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez u d-drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------